TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 316

KAZ NRU. 440

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Julian Schembri

u

l-Joint Beach Committee
(Marsa Sports Club u l-Union Club)

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data; 3 ta' Ottubru, 1988

CHAIRMAN: Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.

INTRODUZZJONI

Dan il-kaz intbaghat quddiem it-Tribunal Industrijali b' ittra datata 18 ta' Awissu, 1987, mill-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali skond il-provvedimenti ta' Artikolu 28(2) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, 1976.

Qabel ma beda s-smiegh, ic-Chairman iddikjara li huwa socju fl-Union Club, li mhux socju fl-Marsa Sports Club u li jippatronizza Tigne' Beach, kull sajf. Iddikjara ukoll li qatt ma kien membru tal-Joint Beach Committee u li l-partijiet jafhom personalment.

Ghalhekk, huwa stieden lil partijiet biex ighidu jekk kellhomx xi oggezzjoni li jisma' l-kaz huwa, u qal li jekk kien hemm xi talba illi jastjeni mis-smiegh, huwa jkun lest li jaccettaha.

Il-partijiet it-tnejn qalu li kienu kuntenti bih bhala Chairman.

Wara li rringrazzjahom, ic-Chairman stieden liz-zewg partijiet biex jaraw jekk kienx hemm lok ta' ftehim bonarju. Wara li l-partijiet gharrfu lic-Chairman illi ma kienx hemm lok ta' ftehim amikevoli, it-Tribunal ghadda ghas-smiegh tax-xhieda u provi.

SOTTOMISSJONIJIET

Fl-"istatement of case" tieghu, is-Sur Mallia Milanes, li deher ghall-Joint Beach Committee, issottometta illi fil-fatt l-appellant mhux gie imkecci imma li intemm l-impieg tieghu normalment minhabba illi "l-impieg ta' Schembri sar redundant".

Minn naha l-ohra, il-Perit Cacopardo, li deher ghall-appellant, issottometta illi wara li spicca l-kuntratt definit bil-miktub li kellu l-appellant huwa waqa' fuq kuntratt indefinit. Issottometta wkoll li ma kienx minnu li l-appellant kien "redundant".

Mix-xhieda u l-provi rrizulta li:-

(a) Il-kontroll tal-Gate ta' Tigne' Beach invarjabbilment kien ikun f'idejn dak li kellu l-kuntratt tal-catering:

(b) Il-Beach Committee li jirrapprezenta liz-zewg Clubs, jigifieri l-Union Club u l-Marsa Sports Club, li ghandhom il-beach concession, qatt ma kellhom jimpjegaw lil xi hadd u qatt ma kellhom l-istatus ta' 'employer':

(c) Il-Beach Committee ddecieda li jimpjega lil Julian Schembri minhabba t-tilwima li kellhom mal-kuntrattur ta' dak iz-zmien u biex jikkontrollaw il-Gate ghas-soddisfazzjon taghhom:

.../3

(d) Julian Schembri kien inghata kuntratt definit bil-miktub li kien jiskadi fl-14 ta' Mejju, 1987:

(e) Julian Schembri baqa' f'postu wara l-14 ta' Mejju, 1987 bil-kunsens implicitu tal-Beach Committee minghajr kuntratt bil-miktub, sakemm il-Committee terminawlu l-impieg li kellu maghhom fl-4 ta' Lulju, 1987:

(f) Il-Beach Committee ha dan il-pass ghaliex kien lahaq ftehim mal-caterer il-gdid, li ha l-kontroll tal-gate f'idejh.

KUNSIDERAZZJONIJIET

Fil-gudizzju tat-Tribunal, kieku l-Beach Committee hadu l-inkarigu li javzaw lill-appellant fil-hin propizju, illi l-kuntratt li kellu kien wasal biex jiskadi u li ma setghux dak iz-zmien jintrabtu illi jaghtuh impieg fit-tul, imma li kienu lesti li jhalluh hemmhekk f'postu sa kemm kienu jiffinalizzaw ftehim mal-caterer il-gdid, kien ikun f'idejn l-appellant li jaghzel li jew jitlaq kif kellu d-dritt jew jibqa' minghajr ma kellu garanzija ta' impieg fit-tul.

B'hekk, kollox kien isir regolari u ma kien ikun hemm l-ebda lok ghal dan l-appell lit-Tribunal.

Pero', minhabba li l-Beach Committee naqsu illi jaghmlu l-pozizzjoni cara lill-appellant, dan waqa' fuq kuntratt indefinit meta skada l-kuntratt definit bil-miktub, ghaliex baqa' fl-impieg bil-kunsens implicitu tal-Beach Committee u thallas bl-istess mod kif kien jithallas qabel. Barra minn hekk, bin-nuqqas taghhom il-Beach Committee taw lok f'mohh l-appellant ta' xi tama illi

.../4

kien sejjer jinzamm f'impieg, b'xi mod jew iehor.

It-Tribunal ma jistax jaccetta l-argument tal-Beach Committee illi l-appellant kien jaf x'kien ghaddej mal-caterer. Semplici impjegat ta' grad minuri, li mhux involut fin-negozjati, ma jistax ikun jaf bi precizjoni x'inhu ghaddej jew jinterpreta b'korrettezza, dak li jisma'.

It-Tribunal jaccetta illi l-Beach Committee ma'setghux jobbligaw lill-kuntrattur il-gdid idahhal lill-appellant fl-impieg tieghu, u l-anqas ma jkun gust illi t-Tribunal jordna lill-kuntrattur, li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz, jerga jdahhal lill-appellant lura fil-post li kellu.

It-Tribunal jirrikonoxxi wkoll illi meta l-Beach Committee taw kuntratt ta' impieg ghal perjodu limitat lill-appellant, l-istess kuntratt kien ifisser proprju hekk, jigifieri fl-14 ta' Mejju, 1987 l-appellant kellu d-dritt jitlaq u l-Kumitat kellu d-dritt jghidulu biex jitlaq.

Minn dan kollu ma sar xejn, u t-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi, ghalkemm l-appellant gie zejjed ghall-Beach Committee, il-post li kellu ghadu jezisti sal-lum. Biex impjegat jigi iddikjarat redundant, l-ewwel irid jigi redundant il-post li jokkupa.

It-Tribunal jidhirlu illi qatt ma kienet l-intenzjoni tal-Beach Committee li jkunu ngusti mal-appellant imma jibqa' l-fatt illi bin-nuqqas ta' azzjoni posittiva minn naha taghhom biex spjegawlu, fil-mument propizju, ezattament x'kienet il-pozizzjoni tieghu, hallew l-appellant f'limbo ta' speranzi foloz.

DECIZJONI

In vista ta' dan kollu, it-Tribunal jordna illi l-Beach Committee jhallas is-somma ta' elf u erbatax il-Lira Maltin (LM1014) lil Julian Schembri. Din is-somma ghandha tithallas lil Julian Schembri sal-31 ta' Dicembru, 1988.

Ghall-fini tal-Artikolu 31A tal-Att Nru. XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali u skond tariffa li tinsab fir-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986), it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet tal-persuna li dehret ghall-kull wahda mill-partijiet fis-somma ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

MAURICE J V BONELLO
CHAIRMAN

EDWIN SPITERI
SEGRETARJU

/ms